# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 2.13

**Kap 2: Il-ħbieb iħobbuna**

**Lezzjoni 2.13: Ġesù meta kiber**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**




1. Jagħrfu x'għamel Ġesù meta kiber.

2. Jitgħallmu kif għallem – ix-xhieda li taha – ma' min kien jagħmliha.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Ġesù fuq il-muntanja: http://www.youtube.com/watch?v=BTO7-Jarl-E
- Ġesù fis-sinagoga

  http://www.youtube.com/watch?v=3H25p84cLU8
- Ġesù u l-Paralitiku http://www.youtube.com/watch?v=MxkJAvm5UKs
- Il-*hand-out* – Ikteb VERU jew FALZ.



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Staqsi lit-tfal: Hemm xi ħaġa li tixtiequ tagħmlu meta tikbru?
- Staqsi lit-tfal jekk jafux Ġesù x'għamel meta kiber. Niżżel kulma jgħidulek fuq il-bord.
- Spjega li qabel ma għamel dan kollu, Ġesù għażel lill-ħbieb tiegħu. Min kienu dawn? L-Appostli.
- Staqsihom jafux isemmu xi wħud mill-appostli.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Spjega: Issa aħna għedna li Ġesù kien jgħallem. Fejn kien jgħallem? U x'kien jgħallem? Ara x'iwieġbu t-tfal.
- Uri l-clip http://www.youtube.com/watch?v=BTO7-Jarl-E . Jekk hemm bżonn jintwera darbtejn jew wara l-clip spjega fi kliem ħafif dak li ntqal.
- F'dan il-clip rajna li Ġesù kien jgħallem fil-kampanja. Staqsi lit-tfal: X'kien jgħallimhom lin-nies? Imberkin dawk li għandhom qalbhom tajba u jgħinu lil ta' madwarhom u mberkin dawk li jġibu l-paci u dawk li juru mħabba lil kulħadd.
- Uri l-clip http://www.youtube.com/watch?v=3H25p84cLU8 . Jekk hemm bżonn jintwera darbtejn jew wara l-clip sjega fi kliem ħafif dak li ntqal.
- Staqsi: Fejn qiegħed jgħallem Ġesù f'dan il-clip? U x'kien qed jgħallimhom lin-nies? Iddiskuti li Ġesù kien qiegħed jgħallimhom li jridu jħobbu lil Alla u lil xulxin. Dawn huma l-iktar affarijiet importanti li għallem.

- Staqsi: Ikun fejn ikun Ġesù dejjem għallem lin-nies li jridu jħobbu lil Alla u lil kulħadd.

- Staqsi: Mill-clips li rajna, Ġesù kien jgħallem lin-nies sinjuri u f'xi kastell?



- Spjega: Ġesù ġie fid-dinja biex jgħallem lil kulħadd u jurina li Alla jħobb lil kulħadd.

- Uri din il-clip tal-istorja tal-Paralitiku. Spjega xi jkun qed jingħad u staqsi x'qed jgħid Ġesù u x'qed jagħmel Ġesù: http://www.youtube.com/watch?v=MxkJAvm5UKs

- Staqsi: X'qal Ġesù lin-nies? Ara x'jgħidu t-tfal.

- Spjega: Ngħinu anki lil min ma jogħġobniex, insellfu lil min ikollu bżonn, dak li tixtieq li n-nies jagħmlu lilek agħmel inti lilhom jigifieri jekk jien ma nixtieqx lil min jinkini jien m'għandix ninki lil ħaddieħor.

- Wara, flimkien imlew il-*handout* b'veru jew b'falz.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Kull fejn kien ikun Ġesù dejjem għallem li għandna nħobbu lil Alla u lil xulxin.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal kemm hu importanti li lil min iħobbu juru li jħobbuh tassew.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Ġesù fuq il-muntanja

http://www.youtube.com/watch?v=BTO7-Jarl-E

Ġesù fis-sinagoga

http://www.youtube.com/watch?v=3H25p84cLU8

Ġesù u l-Paralitiku

http://www.youtube.com/watch?v=MxkJAvm5UKs



## Nitolbu

O Alla, għinna nħobbu lil dawk kollha li niltaqgħu magħhom anke jekk forsi ma tantx jogħġbuna.